**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 24 – L-ERBGĦA 27 TA' APRIL 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa giet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. IL-HOUSING ESTATE

**2.1** Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, flimkien mal-kunsilliera u s-Sinjorina Lorraine Farrugia, infurmaw lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellhom mal-Perit John Rizzo Naudi flimkien mar-residenti f'din iż-żona.

2.2 Waqt din il-laqgħa, il-Perit John Rizzo Naudi għamel spezzjoni fuq il-post kif indikat mir-residenti biex jistabilixxi il-ħtiġijiet li dawn kienu qed jissuġerixxu biex dwarhom isir xogħol ta' tiswija u manutenzjoni li b'xi mod għandhom ikunu parti mill-programm imniedi mill-Awtorita' tad-Djar.

2.3. Il-Perit John Rizzo Naudi għandu jipprepara lista ta' ħtiġijiet f'din iż-żona biex issir applikazzjoni taħt din l-iskema.

## 3. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

3.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill dwar laqgħa li nżammet mal-kuntrattur, Polidano Brothers, flimkien mal-Perit John Rizzo Naudi fejn ġiet diskussa l-problema li kien qajjem il-kuntrattur dwar ħlasijiet żejda fir-rigward ta' xogħlijiet li kienu lesti u li tħallsu mill-Kunsill skont il-ftehim eżistenti.

3.2 Il-Kuntrattur, Polidano Brothers, aċċetta li l-kontijiet jibqgħu dawk kif stabbilliti u wiegħed li għandu jkompli x-xogħol tat-tarmac fi Triq Annibale Preca hekk kif it-*Traffic Management Report* kif ukoll ix-xogħlijiet fuq is-servizzi ta' ilma u dranaġġ jkunu lesti.

3.3 Ir-rati ta ħlasijiet għal-materjal li ser jintuża għandhom ikunu skont il-prezzijiet tal-ġurnata u għalhekk għandha tittieħed kunsiderazzjoni ta' dan fix-xogħol li fadal isir fl-aħħar triq mit-tlett toroq fil-Proġett.

3.4 Il-Perit John Rizzo Naudi li huwa l-Contract Manager fuq dan il-Proġett għandu jieħu ħsieb li dawn ix-xogħlijiet jinżammu skond il-baġit approvat.

## 4. TRIQ PREZIOSI

**4.1** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, irrifera għal-laqgħa li kellu f'Villa Francia fit-28 ta' Marzu 2011 ma' rappreżentanti mill-uffiċċju tal-Prim Ministru.

**4.2** Waqt din il-laqgħa kien hemm qbil dwar proġett li l-Kummitat ghat-Tisbiħ tal-Ambjent fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru lest li jagħmel fi Triq Preziosi.

**4.3** Is-Sur Charles Bonello, li huwa l-uffiċjal inkarigat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ikkonferma li dan il-Kumitat huwa impenjat li jiffinanzja u/jew jagħmel ix-xogħol kif ikun maqbul mal-Kunsill Lokali.

**4.4** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, qal ukoll li l-Kunsill kien impenjat għas-spejjeż tiegħu, jiprepara l-pjanti u stimi sabiex ikunu f'pożizzjoni li jkomplu d-diskussjonijiet dwar dan il-proġett. Għal din ir-raġuni, il-Perit John Rizzo Naudi, li huwa l-Contract Manager kien infurmat biex jiprrepara l-pjanti meħtieġa f'dan ir-rigward.

**4.5** Il-Kunsilliera preżenti unanimament apprezzaw din l-inizjattiva mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, u qablu li għandhom isiru l-preparamenti meħtieġa biex dan il-proġett ta' tisbiħ fi Triq Preziosi jitwettaq malajr kemm jista' jkun għar-raġuni li din it-Triq tinsab fi stat ta' bżonn ta' ħafna manutenzjoni.

## 5. L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL

**5.1** Il-Kunsill reġa' tkellem dwar il-ħtieġa ta' uffiċċju amministrattiv ġdid. Għalkemm issemmew diversi postijiet fil-lokalità li kienu reklamti għal-bejħ, xorta kien għad hemm il-ħtiega li jkun hemm aktar tagħrif dwar dawn il-positjiet kemm f'dak li jirrigwarda l-prezz kif ukoll id-daqs meħtieġ biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' uffiċċju amministrattiv, bħalma huwa dak tal-Kunsill.

**5.2** Il-Kunsilliera qablu li għandu jkun indagat mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, dwar il-proċedura li trid titieħed biex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni biex jixtri uffiċċju amministrattiv.

**5.3** Il-Kunsill qabel ukoll li għandha titkompla l-ħidma dwar il-possibilità li jinstab sit adattat għall-uffiċċju possibilment ħdejn l-iskola primarja fi Triq Robert Mifsud Bonniċi.

## 6. IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

**6.1** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, għal darb'oħra ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-problema tat-traffiku fil-lokalità ta' Ħal-Lija, b'mod speċjali fil-qalba tar-raħal. Din il-problema għandha tkun indirizzata b'mod aktar effettiv mit-Transport Malta biex ikun hemm riżultat pożittiv.

**6.2** Fuq proposta tal-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill approva biex tintalab l-għajnuna ta' Mr Hue Arnett, li huwa espert tat-traffiku sabiex dan jagħti l-parir tiegħu dwar l-azzjoni li tista' titieħed mill-Kunsill Lokali biex din il-problema b'xi mod tkun riżolta u jitnaqqas il-periklu kkaġunat mit-traffiku li jgħaddi mill-qalba tar-raħal.

## 7. IL-LIBRERIJA PUBBLIKA

**7.1** Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill bid-deċizzjoni tal-Kap tal-iskola Primarja, biex il-kamra preżenti tal-librerija pubblika f'din l-iskola tinbidel ma' kamra oħra fl-istess skola.

**7.2** Dan kien ifisser li sakemm issir din il-bidla, il-librerija kellha jew titqiegħed f'post alternattiv jew inkella tingħalaq sakemm jitlesta x-xogħol meħtieg.

**7.3** Għar-raġuni li kemm il-Kunsill ta' Ħal Balzan, kif ukoll il-Kunsill tal-Iklin ma qablux li jħallsu parti mill-ispejjeż biex din il-librerija topera mill-'University Residence' u minħabba n-numru limitat li jagħmlu użu minn din il-librerija, il-Kunsill ser jgħin permezz tal-ħaddiema tiegħu biex jieħu ħsieb iġor il-kotba u l-ixkafef ta' din il-librerija.

## 8. ATTIVITÀ KULTURALI

**8.1** Il-Kunsill unanimament approva s-somma ta' €350 bħala spejjeż biex tinżamm l-attività kulturali rappreżentazzjoni ħajja tas-Sinedriju fi żmien tal-Ġimgħa l-Kbira bil-kollaborazzjoni tal-għaqda San Pio X, kif ukoll mal-Għaqda tal-Armar Festi Esterni.

**8.2** Il-Kunsill għandu jinsisti ma' dawn l-għaqdiet biex il-preparamenti ta' attivitiajiet kulturali bħal dawn jingħataw aktar pubbliċità u informazzjoni meħtieġa minn qabel, biex din l-attività jkollha suċċess akbar u tilħaq l-iskop kulturali li għalih qed tinżamm.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

**9.1** Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ġibdet l-attenzjoni dwar ħofra fuq bankina f'Naxxar Road, kantuniera ma' Triq Preziosi sabiex tittieħed azzjoni għar-raġuni li din hija periklu għan-nies.

**9.2** Kamra tan-Nar San Mikiel

Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, ressaq mozzjoni li giet approvata unanimament dwar il-Kamra tan-Nar San Mikiel. Il-kunsilliera kollha kienu qed jaqblu li l-kamra tan-nar ghandha l-appogg kollu mill-Kunsill. Il-Kunsill ihoss li l-kamra tan-nar jew kwalunque organizazzjoni jew ghaqda ohra fir-rahal hija entita awtonoma, u ghalhekk il-kunsill ma' jistax bl-ebda mod jinterferixxi fid-decisjonijet ta' l-ghaqdiet tar-rahal. Is-Sindku qal ukoll li hekk kemm-il darba, l-kamra tan-nar ikollha bzonn kwalunkwe appogg u / jew ghajnuna biex tkompli tahdem u tohrog it-talent taghha, ahna kif dejjem ghamilna fil-passat, nkomplu naghmlu dan flimkien fil-futur. Is-Sindku, ghandu jipprepara ittra f'dan ir-rigward biex tintbaghat lill-ghaqda tan-nar u r-residenti.

**9.3** Il-Kunsillier, Dr Marc Sant, ġibed l-attenzjoni biex isir qtugħ ta' ħaxix fl-inħawi tal-Mirakli minħabba purċizzjoni li għandha tinzamm fil-ġranet li ġejjin.

**9.4** Korrispondenza Lija Athletic Football Club

Giet diskussa l-ittra bid-data tal-20 t'April 2011 u l-Kunsill spjega dawn ir-risposti:

1. **Żbir ta' Siġar**

   L-ordni biex isir ix-xogħol ta' żbir ta' siġar ma' genb il-ground tal-football Club ta' Ħal Lija, ingħatat lid-Dipartiment tal-Environmental Landscapes Consortium u dan għandu jsir fi ftit ġranet oħra **(ix-xogħol tlesta fit-tieni ġimgħa ta' Mejju 2011).**

2. **Użu tal-Ground – Fondi Addizzjonali**

   Ir-risposta dwar din il-mistoqsija ingħatat minn Dr. Said f'laqgħa li saret f'Marzu 2011 fejn ġiet konfermata l-ispjegazzjoni li għamel is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris waqt il-laqgħa tal-lokalita' li nżammet nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2011.

3. **Panelli fotovoltajiċi fuq dressing rooms**

   Il-Kunsill jaqbel li tkun ikkunsidrata din it-talba meta nkunu infurmati mid-Dipartiment ikkoncernat, li l-iskema tal-Gvern qed tkun introdotta.

**4. Urban Improvement Funds**

Dawn il-fondi ilhom sa mill-bidu nett li nbdew u qed jithallew jakkumulaw biex il-Kunsill ikun jista' jwettaq tisbieħ fil-qalba tal-raħal. Għalhekk dan il-fond diġa huwa marbut ma' dan il-proġett, kif spjegat fil-pjan ta' ħidma waqt l-aħħar laqgħa tal-lokalita' li nżammet nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2011.

Il-Kunsill huwa dejjem lest biex jiltaqa' mal-Kumitat ta' Lija Football Club biex jiddiskuti is-suġġerimenti tagħhom.

## 10. IL-LAQGĦA

**10.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 25 ta' Mejju 2011 fil-5.00p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Sur Alffred Buhagiar |
| Is-Sindku | Is-Segretarju Eżekuttiv |